MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-3 ta' April, 2012

Talba Numru. 1008/2011

**Yellow Pages (Malta) Limited [C-11814]**

**vs**

**Salsa Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' seba mija sitta u tletin euro u tmienja u disghin centezmi ta' euro (€736.98) liema ammont jirrapprezenta bilanc dovut ghal servizzi ta' reklamar debitament ipprestati lis-socjeta konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar

l-24 ta’ Frar, 2012, nhar it-23 ta’ Marzu, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-23 ta’ Marzu, 2012 u l-fatt li s-socjeta konvenuta naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ seba mija sitta u tletin euro u tmienja u disghin centezmi ta’ euro (€736.98), bl-imghax mid-data tal-prezentata tat-Talba odjerna.

L-ispejjez huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------